II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

BAĠITS

TAL-PARLAMENT EWROPEW

ADOZZJONI AĦĦARIJA

tal-baġit ta' emenda Nru 9 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009

(2009/885/KE, Euratom)

IL-PRESIDENT TAL-PARLAMENT EWROPEW,

wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 272(7) tiegħu,

wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikulari l-Artikolu 177 tiegħu,

wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1],

wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, addottat b'mod aħħari fit-18 ta' Diċembru 2008 [2],

wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [3],

wara li kkunsidra l-abbozz preliminari tal-baġit ta' emenda Nru 9 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, ippreżentat mill-Kummissjoni fit-28 ta' Awissu 2009,

wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 9/2009, stabbilit mill-Kunsill fid-9 ta' Ottubru 2009,

wara li kkunsidra l-Artikolu 75 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,

wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata mill-Parlament fl-20 ta' Ottubru 2009,

---

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
[2] ĠU L 69, 13.3.2009.
[3] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

JIDDIKJARA:

Artikolu uniku

Il-proċedura skont l-Artikolu 272 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 177 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tlestiet u l-baġit ta' emenda Nru 9 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009 ġie adottat b'mod aħħari.

Magħmul fi Strasburgu, l-20 ta' Ottubru 2009.

Il-President
J. BUZEK

BAĠIT TA' EMENDA Nru 9 GĦAS-SENA FINANZJARJA 2009

WERREJ

Paġna

DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TA' L-INFIQ SKOND IT-TAQSIMA

Taqsima III: Kummissjoni 5

— Nefqa 7

— Titolu 05: L-Agrikoltura u l-iżvilupp rurali 8

— Titolu 06: Enerġija u trasport 12

— Titolu 07: L-Ambjent 24

— Titolu 08: Ir-Riċerka 29

— Titolu 11: Is-Sajd u l-Affarijiet marittimi 37

— Titolu 13: Politika Reġjonali 41

TAQSIMA III

KUMMISSJONI

KUMMISSJONI

NEFQA

Titolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2009		Bağit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
		Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
01	L-AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI	431 274 845	486 204 845			431 274 845	486 204 845
02	INTRAPRIŻA	661 343 234	599 408 234			661 343 234	599 408 234
03	KOMPETIZZJONI	89 365 444	89 365 444			89 365 444	89 365 444
04	IMPJIEGI U AFFARIJIET SOĊJALI	11 186 932 534	11 201 717 411			11 186 932 534	11 201 717 411
05	L-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI	55 280 222 736	51 476 927 732		– 70 110 359	55 280 222 736	51 406 817 373
06	ENERĠIJA U TRASPORT	2 737 397 751	2 478 016 089		– 140 660 800	2 737 397 751	2 337 355 289
07	L-AMBJENT	461 326 617	494 088 767		– 110 000 000	461 326 617	384 088 767
08	IR-RIĊERKA	4 664 691 451	4 960 143 801		– 92 000 000	4 664 691 451	4 868 143 801
09	IS-SOĊJETÀ TA' L-INFORMAZZJONI U L-MIDJA	1 511 261 271	1 354 654 271			1 511 261 271	1 354 654 271
10	IR-RIĊERKA DIRETTA	370 840 000	365 720 000			370 840 000	365 720 000
11	IS-SAJD U L-AFFARIJIET MARITTIMI	984 611 598	897 362 121		– 81 000 000	984 611 598	816 362 121
12	IS-SUQ INTERN	65 419 801	65 366 001			65 419 801	65 366 001
13	POLITIKA REĠJONALI	38 021 769 229	24 679 020 421	493 771 159	493 771 159	38 515 540 388	25 172 791 580
14	TASSAZZJONI U UNJONI DOGANALI	130 748 625	105 850 625			130 748 625	105 850 625
15	EDUKAZZJONI U KULTURA	1 398 343 073	1 361 386 073			1 398 343 073	1 361 386 073
16	KOMUNIKAZZJONI	213 154 075	210 444 075			213 154 075	210 444 075
17	SAĦĦA U ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR	666 342 078	574 749 078			666 342 078	574 749 078
18	ŻONA TAL-LIBERTÀ, IS-SIGURTÀ U L-ĠUSTIZZJA	925 729 198	676 944 198			925 729 198	676 944 198
19	RELAZZJONIJIET ESTERNI	4 012 930 514	3 575 276 344			4 012 930 514	3 575 276 344
20	KUMMERĊ	79 521 772	78 014 772			79 521 772	78 014 772
21	ŻVILUPP U RELAZZJONI MA' STATI AKP	1 869 356 351	1 679 167 751			1 869 356 351	1 679 167 751
22	TKABBIR	1 079 092 368	1 659 080 862			1 079 092 368	1 659 080 862
23	GĦAJNUNA UMANITARJA	796 716 719	796 716 719			796 716 719	796 716 719
24	IL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI	78 351 000	74 151 000			78 351 000	74 151 000
25	KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA LEGALI	186 195 522	186 195 522			186 195 522	186 195 522
26	AMMINISTRAZZJONI	969 352 759	974 052 759			969 352 759	974 052 759
27	BAĠIT	277 659 904	277 659 904			277 659 904	277 659 904
28	VERIFIKA	10 561 499	10 561 499			10 561 499	10 561 499
29	STATISTIKA	132 463 962	100 288 962			132 463 962	100 288 962
30	PENSJONIJIET	1 159 931 000	1 159 931 000			1 159 931 000	1 159 931 000
31	SERVIZZI LINGWISTIĊI	384 323 911	384 323 911			384 323 911	384 323 911
40	RIŻERVI	2 933 398 460	400 695 210			2 933 398 460	400 695 210
	Nefqa D — Total	**133 770 629 301**	**113 433 485 401**	**493 771 159**	**0**	**134 264 400 460**	**113 433 485 401**

KUMMISSJONI

TITOLU 05

L-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

Għanijiet ġenerali

— Li jitħeġġeġ qasam ta' l-agrikoltura b'saħħtu u kompetittiv li jkun isegwi standards għoljin ambjentali u ta' produzzjoni, u fl-istess ħin li jiġi żgurat standard ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola,

— Li jingħata kontribut lill-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali, b'mod partikulari billi l-qasam ta' l-agrikoltura jiġi megħjun jadatta għall-isfidi l-ġodda, billi jitħares l-ambjent u l-kampanja, b'mod speċjali minħabba t-tibdil fil-klima, u billi tittejjeb il-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali, filwaqt li jiġu żgurati t-tkabbir u l-impjiegi fil-kampanja;

— Li jiġi promoss il-qasam Ewropew ta' l-agrikoltura fil-kummerċ dinji.

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2009		Baġit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
		Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
05 01	IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA MSEJJAĦ "L-IŻVILUPP AGRIKOLU U RURALI"	133 382 202	133 382 202			133 382 202	133 382 202
05 02	L-INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI	3 409 523 325	3 409 523 325			3 409 523 325	3 409 523 325
05 03	L-GĦAJNUNIET DIRETTI	37 779 000 000	37 779 000 000			37 779 000 000	37 779 000 000
05 04	L-IŻVILUPP RURALI	14 245 418 209	10 226 231 205		– 70 110 359	14 245 418 209	10 156 120 846
05 05	MIŻURI QABEL L-ADEŻJONI FIL-QASAM TA' L-AGRIKOLTURA U L–IŻVILUPP RURALI	121 500 000	340 825 000			121 500 000	340 825 000
05 06	L-ASPETTI INTERNAZZJONALI TAL-QASAM TA' POLITIKA MSEJJAĦ "L-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI"	6 260 000	6 260 000			6 260 000	6 260 000
05 07	IL-VERIFIKA TAN-NEFQA AGRIKOLA	– 458 500 000	– 458 500 000			– 458 500 000	– 458 500 000
05 08	L-ISTRATEĠIJA POLITIKA U L-KOORDINAMENT TAL-QASAM TAL-POLITIKA MSEJJAĦ "L-IŻVILUPP AGRIKOLU U RURALI"	43 639 000	40 206 000			43 639 000	40 206 000
	Titolu 05 — Total	**55 280 222 736**	**51 476 927 732**		**– 70 110 359**	**55 280 222 736**	**51 406 817 373**

KUMMISSJONI

TITOLU 05

L-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 04 — L-IŻVILUPP RURALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2009		Bagit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
05 04	L-IŻVILUPP RURALI							
05 04 01	***Żvilupp rurali ffinanzjat mit-Taqsima tal-Garanziji ta' l-EAGGF — Perjodu ta' Pragrammar 2000-2006***							
05 04 01 14	Żvilupp rurali ffinanzjat mit-Taqsima tal-Garanziji ta' l-EAGGF — Perjodu ta' Programmar mill-2000 sa l-2006	2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 05 04 01 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
05 04 02	***L-Iżvilupp rurali ffinanzjat mit-Taqsima tal-Garanziji ta' l-EAGGF — It-Tlestija tal-programmi preċedenti***							
05 04 02 01	Tlestija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, Taqsima Gwida — Reġjuni ta' l-Objettiv 1 (2000-2006)	2	p.m.	757 000 000		– 70 110 359	p.m.	686 889 641
05 04 02 02	Tlestija tal-programm speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-kontej tal-fruntiera ta' l-Irlanda	2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
05 04 02 03	Tlestija ta' programmi preċedenti f'reġjuni ta' l-Objettivi 1 u 6 (qabel is-sena 2000)	2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
05 04 02 04	Tlestija ta' programmi preċedenti f'reġjuni ta' l-Objettiv 5(b) (qabel is-sena 2000)	2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
05 04 02 05	Tlestija ta' programmi preċedenti barra mir-reġjuni ta' l-Objettiv 1 (qabel is-sena 2000)	2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
05 04 02 06	Tlestija tal-programm Leader (2000-2006)	2	p.m.	139 000 000			p.m.	139 000 000
05 04 02 07	Tlestija ta' inizjattivi Komunitarji preċedenti (qabel is-sena 2000)	2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
05 04 02 08	Tlestija ta' miżuri innovattivi preċedenti (qabel is-sena 2000)	2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 05 04 — L-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2009		Bağit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
05 04 02 09	Tlestija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, Taqsima Gwida — Assitenza teknika operattiva (2000-2006)	2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 05 04 02 — Sub-total		p.m.	896 000 000		– 70 110 359	p.m.	825 889 641
05 04 03	***Miżuri oħra***							
05 04 03 01	Foresterija (barra mill-l-EAGF u l-EAFRD)	2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
05 04 03 02	Riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u ta' l-annimali — Tlestija ta' miżuri preċedenti	2	p.m.	3 000 000			p.m.	3 000 000
	Artikolu 05 04 03 — Sub-total		p.m.	3 000 000			p.m.	3 000 000
05 04 04	***Strument tranżitorju għall-finanzjament ta' żvilupp rurali mill-EAGGF Taqsima Garanzija għall-Istati Membri ġodda — It-Tlestija tal-programmi (2004-2006)***	2	p.m.	182 000 000			p.m.	182 000 000
	Artikolu 05 04 04 — Sub-total		p.m.	182 000 000			p.m.	182 000 000
05 04 05	***L-Iżvilupp rurali ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) (2007-2013)***							
05 04 05 01	Programmi ta' żvilupp rurali	2	14 223 504 584	9 135 331 205			14 223 504 584	9 135 331 205
05 04 05 02	Assistenza teknika operattiva	2	21 913 625	9 900 000			21 913 625	9 900 000
	Artikolu 05 04 05 — Sub-total		14 245 418 209	9 145 231 205			14 245 418 209	9 145 231 205
	Kapitolu 05 04 — Total		**14 245 418 209**	**10 226 231 205**		**– 70 110 359**	**14 245 418 209**	**10 156 120 846**

05 04 02 ***L-Iżvilupp rurali ffinanzjat mit-Taqsima tal-Garanziji ta' l-EAGGF — It-Tlestija tal-programmi preċedenti***

Kummenti

L-Artikolu 39 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 jipprovdi għall-korrezzjonijiet finanzjarji, kull dħul ġej minnu hu mdaħħal fil-Partita 6 5 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul. Dak id-dħul jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali, skond l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1), f'każijiet speċifiċi meta huma meħtieġa biex ikopru r-riskji ta' tħassir jew tat-tnaqqis fil-korrezzjonijiet deċiżi qabel.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 05 04 — L-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

05 04 02 *(ikompli)*

Ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-ħlas lura ta' pagament bil-quddiem mingħajr ma jkun hemm l-effett tat-tnaqqis tal-kontribuzzjoni mill-Fondi Strutturali għall-għajnuna kkonċernata. Kull dħul mir-radd lura ta' ħlasijiet mogħtija minn qabel, li jitniżżel fil-Partita 6 1 5 7 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħti lok għall-provvista ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità ma' l-Artikoli 18 u 157 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

Miżuri kontra l-frodi huma finanzjati skond l-Artikolu 24 02 01.

Bażi legali

Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 158, 159 u 161 tiegħu.

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1), kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1198/2006 (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1437/2007 (ĠU L 332, 7.12.2007, p. 1.), u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tiegħu.

Atti ta' referenza

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Berlin ta' l-24 u l-25 ta' Marzu 1999.

05 04 02 01 Tlestija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, Taqsima Gwida — Reġjuni ta' l-Objettiv 1 (2000-2006)

Approprjazzjonijiet 2009		Baġit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	757 000 000		– 70 110 359	p.m.	686 889 641

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji ta' l-EAGGF, Taqsima Gwida fl-ambitu ta' l-Objettiv 1 li għad iridu jitħallsu mill-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006.

Bażi legali

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80), kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 583/2004 (ĠU L 91, 30.3.2004, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 103), revokat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1), kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1198/2006 (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 06

ENERĠIJA U TRASPORT

Għanijiet ġenerali

— Li ċ-ċittadini u n-negozji Ewropej jingħataw sistemi u servizzi kompetittivi tal-enerġija u t-trasport,

— Is-separazzjoni tal-mobbiltà mill-effetti sekondarji negattivi tagħha u li l-produzzjoni tal-enerġija u l-konsum issir aktar sostenibbli,

— Li jinħolqu kondizzjonijiet li jippermettu forniment żgur u kontinwu tal-enerġija u s-servizzi tat-trasport għall-Unjoni Ewropea,

— Li ċ-ċittadini Ewropej jkunu protetti billi tittejjeb is-sikurezza fit-trasport u l-enerġija u jiġu promossi d-drittijiet tal-konsumatur u l-istandards għall-ħaddiema professjonisti f'dawn l-oqsma,

— Li l-politiki dwar it-trasport u l-enerġija kompetittivi, sostenibbli, żguri u sikuri tal-Unjoni jiġu pproġettati fil-livell internazzjonali,

— Li jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi li jikkontribwixxu għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar it-trasport u l-enerġija.

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2009		Baġit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
		Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
06 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-"ENERĠIJA U T-TRASPORT"	146 140 351	146 140 351			146 140 351	146 140 351
06 02	TRASPORT 'IL ĠEWWA MILL-KOSTA, TRASPORT TAL-AJRU, TRASPORT TAL-BAĦAR	1 002 295 000	932 332 660		– 23 000 000	1 002 295 000	909 332 660
06 03	NETWERKS TRANS-EWROPEJ	947 786 000	830 850 000			947 786 000	830 850 000
06 04	ENERĠIJI KONVENZJONALI U RINNOVABBLI	95 681 400	110 022 165		– 38 000 000	95 681 400	72 022 165
06 05	ENERĠIJA NUKLEARI	277 700 000	130 500 000			277 700 000	130 500 000
06 06	RIĊERKA MARBUTA MA' L-ENERĠIJA U T-TRASPORT	264 795 000	321 460 413		– 79 660 800	264 795 000	241 799 613
06 07	IS-SIKUREZZA U L-ĦARSIEN TA' L-UTENTI TA' L-ENERĠIJA U T-TRASPORT	3 000 000	6 710 500			3 000 000	6 710 500
	Titolu 06 — Total	**2 737 397 751**	**2 478 016 089**		**– 140 660 800**	**2 737 397 751**	**2 337 355 289**

KUMMISSJONI

TITOLU 06

ENERĠIJA U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — TRASPORT 'IL ĠEWWA MILL-KOSTA, TRASPORT TAL-AJRU, TRASPORT TAL-BAĦAR

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2009		Baġit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
06 02	TRASPORT 'IL ĠEWWA MILL-KOSTA, TRASPORT TAL-AJRU, TRASPORT TAL-BAĦAR							
06 02 01	***Aġenzija Ewropea tas-Sigurta ta' l-Avjazzjoni***							
06 02 01 01	Aġenzija Ewropea tas-Sigurta ta' l-Avjazzjoni — Sussidju taħt it-Titoli 1 u 2	1.1	19 593 000	19 593 000			19 593 000	19 593 000
06 02 01 02	Aġenzija Ewropea tas-Sigurta ta' l-Avjazzjoni — Sussidju taħt it-Titolu 3	1.1	11 947 000	9 587 000			11 947 000	9 587 000
	Artikolu 06 02 01 — Sub-total		31 540 000	29 180 000			31 540 000	29 180 000
06 02 02	***Aġenzija Ewropea tas-Sigurta Marittima***							
06 02 02 01	Aġenzija Ewropea tas-Sigurta Marittima — Sussidju taħt it-Titoli 1 u 2	1.1	17 550 000	17 550 000			17 550 000	17 550 000
06 02 02 02	Aġenzija Ewropea tas-Sigurta Marittima — Sussidju taħt it-Titolu 3	1.1	6 885 000	8 650 000			6 885 000	8 650 000
06 02 02 03	Aġenzija Ewropea tas-Sigurta Marittima — Miżuri kontra t-tniġġis	1.1	18 900 000	22 100 000			18 900 000	22 100 000
	Artikolu 06 02 02 — Sub-total		43 335 000	48 300 000			43 335 000	48 300 000
06 02 03	***Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tat-tasport u d-drittijiet tal-passiġġieri***	1.1	17 600 000	14 500 000			17 600 000	14 500 000
	Artikolu 06 02 03 — Sub-total		17 600 000	14 500 000			17 600 000	14 500 000
06 02 06	***Il-programm Marco Polo II***	1.1	60 350 000	54 182 875		– 23 000 000	60 350 000	31 182 875
	Artikolu 06 02 06 — Sub-total		60 350 000	54 182 875		– 23 000 000	60 350 000	31 182 875
06 02 07	***It-tlestija tal-programm Marco Polo***	1.1	—	6 000 000			—	6 000 000
	Artikolu 06 02 07 — Sub-total		—	6 000 000			—	6 000 000

KUMMISSJONI

KAPITOLU 06 02 — TRASPORT 'IL ĠEWWA MILL-KOSTA, TRASPORT TAL-AJRU, TRASPORT TAL-BAĦAR *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2009		Baġit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
06 02 08	***Aġenzija Ewropea għas-Sigurta u l-Interoperabilita tal-ferroviji***							
06 02 08 01	Aġenzija Ewropea għas-Sigurta u l-Interoperabilita tal-ferroviji — Sussidju taħt it-Titoli 1 u 2	1.1	10 860 000	10 860 000			10 860 000	10 860 000
06 02 08 02	Aġenzija Ewropea għas-Sigurta u l-Interoperabilita tal-ferroviji — Sussidju taħt it-Titolu 3	1.1	5 200 000	5 200 000			5 200 000	5 200 000
	Artikolu 06 02 08 — Sub-total		16 060 000	16 060 000			16 060 000	16 060 000
06 02 09	***Awtorita għas-Superviżjoni tal-Galileo***							
06 02 09 01	Awtorita għas-Superviżjoni tal-Galileo — Sussidju taħt it-Titoli 1 u 2	1.1	4 500 000	4 500 000			4 500 000	4 500 000
06 02 09 02	Awtorita għas-Superviżjoni tal-Galileo — Sussidju taħt Titolu 3	1.1	910 000 (1)	910 000 (1)			910 000 (1)	910 000 (1)
	Artikolu 06 02 09 — Sub-total		5 410 000	5 410 000			5 410 000	5 410 000
06 02 10	***Il-Programm Galileo***	1.1	828 000 000	758 699 785			828 000 000	758 699 785
	Artikolu 06 02 10 — Sub-total		828 000 000	758 699 785			828 000 000	758 699 785
	Kapitolu 06 02 — Total		**1 002 295 000**	**932 332 660**		**– 23 000 000**	**1 002 295 000**	**909 332 660**

06 02 06 ***Il-programm Marco Polo II***

Approprjazzjonijiet 2009		Baġit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
60 350 000	54 182 875		– 23 000 000	60 350 000	31 182 875

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-implimentazzjoni ta' programm għall-promozzjoni ta' alternattivi għall-ġarr internazzjonali ta' merkanzija fit-toroq, imsejjaħ Marco Polo II.

Il-programm Marco Polo II jipproponi 5 tipi ta' miżuri biex jikseb l-għanijiet tiegħu:

— azzjonijiet modali ta' trasferiment, biex tkun trasferita, fi żmien qasir, parti importanti mit-traffiku fit-toroq għal modi ta' trasport oħra li jkunu inqas mimlija,

— azzjonijiet katalistiċi li se jippermettu li barrieri strutturali tas-suq jiġu megħluba permezz ta' l-implimentazzjoni tas-servizzi innovattivi ġodda,

— azzjonijiet komuni ta' tagħlim bil-għan li titjieb il-kooperazzjoni, il-qsim tal-kapaċita u l-iżvilupp ta' l-għarfien fl-industrija tal-loġistika,

— azzjonijiet li jipprovdu servizzi tal-loġistika ta' kwalita għolja bbażati fuq tbaħħir fil-qosor, li se jkun kumparabbli ma' Awtostradi u li se jissejħu "Awtostradi tal-Baħar",

— azzjonijiet biex ikun evitat it-traffiku li se jinvolvu rwol attiv mill-industrija tal-manifattura u s-sistemi tal-loġistika fi ħdan strateġija waħda koerenti biex tiżviluppa operazzjonijiet sostenibbli.

(1) Approprjazzjoni ta' EUR 390 000 hija mdaħħla fil-Partita 40 02 41 01.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 06 02 — TRASPORT 'IL ĠEWWA MILL-KOSTA, TRASPORT TAL-AJRU, TRASPORT TAL-BAĦAR *(ikompli)*

06 02 06 *(ikompli)*

In-netwerks ta' l-infrastruttura tat-trasport tal-biċċ l-kbira ta' l-Istati Membri ġodda bħalissa mhumiex xierqa biżżejjed biex jilqgħu il-flussi abar tal-kummerċ li ġab miegħu it-tkabbir; f'każi bħal dawn, is-soluzzjonijiet intermodali tat-trasport huma l-aħjar tweġiba għal dan u għalhekk hemm skop kbir ħafna għall-Marco Polo II bħala tkomplija u tisħiħ tal-programm ta' suċċess Marco Polo I.

L-appoġġ għall-azzjoni kummerċjali fis-suq għas-servizzi tat- trasport tal-merkanzija huwa differenti mill-appoġġ mogħti permezz ta' programmi ta' riċerka u żvilupp u l-programm trans-Ewropew tan-netwerk. Marco Polo II se jħaddan proġetti ta' tibdil modali f'kull settur tas-suq tal-merkanzija, mhux biss fit-trasport ikkumbinat.

Għall-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu għandhom jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati EFTA magħmula skond l-Artikolu 6 3 0 tal-prospett ta' dħul, li jikkostitwixxi dħul assenjat skond l-Artikolu18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skond l-Anness V ta' din il-parti tal-prospett tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni f'programmi tal-Komunità, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skond l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi legali

Ir-Regolament (KE) Nru 1692/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l- 24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi t-tieni programm Marco Polo għall-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Komunita biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija (Marco Polo II), u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1382/2003 (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 1).

KUMMISSJONI

KAPITOLU 06 04 — ENERĠIJI KONVENZJONALI U RINNOVABBLI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2009		Bagit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
06 04	ENERĠIJI KONVENZJONALI U RINNOVABBLI							
06 04 01	***Tlestija tal-programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa" (2003 sa 2006)***	1.1	—	27 000 000			—	27 000 000
	Artikolu 06 04 01 — Sub-total		—	27 000 000			—	27 000 000
06 04 02	***Tlestija tal-programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa" (2003 sa 2006): il-fergħa esterna — Coopener***	4	—	2 300 000			—	2 300 000
	Artikolu 06 04 02 — Sub-total		—	2 300 000			—	2 300 000
06 04 03	***Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea ta' l-enerġija us-suq intern ta' l-enerġija***	1.1	4 000 000	2 180 000			4 000 000	2 180 000
	Artikolu 06 04 03 — Sub-total		4 000 000	2 180 000			4 000 000	2 180 000
06 04 04	***Tlestija tal-Programm Kwadru ta' l-Enerġija (1999 sa 2002) — Siġurtà ta' sorsi konvenzjonali ta' enerġija***	1.1	—	100 000			—	100 000
	Artikolu 06 04 04 — Sub-total		—	100 000			—	100 000
06 04 05	***Il-Pjan Strateġiku Ewropew tat-Teknoloġija tal-Enerġija (SET-Plan)***	1.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 06 04 05 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
06 04 06	***Programm Kwadru dwar il-Kompetittivita u l-Innovazzjoni — Programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa"***	1.1	88 741 400	72 502 165		– 38 000 000	88 741 400	34 502 165
	Artikolu 06 04 06 — Sub-total		88 741 400	72 502 165		– 38 000 000	88 741 400	34 502 165
06 04 07	***Proġett pilota — Is-sigurta ta' l-enerġija — bijo fjuwils***	1.1	p.m.	1 500 000			p.m.	1 500 000
	Artikolu 06 04 07 — Sub-total		p.m.	1 500 000			p.m.	1 500 000
06 04 09	***Fond ta' investiment għal enerġija li tiġġedded u l-bijoraffineriji***	1.1	p.m.	900 000			p.m.	900 000
	Artikolu 06 04 09 — Sub-total		p.m.	900 000			p.m.	900 000

KUMMISSJONI

KAPITOLU 06 04 — ENERĠIJI KONVENZJONALI U RINNOVABBLI *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2009		Baġit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
06 04 10	***L-Aġenzija Ewropea għall-kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija***							
06 04 10 01	L-Aġenzija Ewropea għall-kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija — Sussidju taħt it-Titoli 1 u 2	1.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
06 04 10 02	L-Aġenzija Ewropea għall-kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija — Sussidju taħt it-Titolu 3	1.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 06 04 10 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
06 04 11	***Komunità ta' l-Enerġija***	4	2 940 000	2 940 000			2 940 000	2 940 000
	Artikolu 06 04 11 — Sub-total		2 940 000	2 940 000			2 940 000	2 940 000
06 04 12	***Proġett pilota — Programm Kwadru Ewropew għall-iżvilupp u l-iskambju ta' l-esperjenza dwar l-iżvilupp urban sostenibbli***	1.1	p.m.	600 000			p.m.	600 000
	Artikolu 06 04 12 — Sub-total		p.m.	600 000			p.m.	600 000
06 04 13	***Azzjoni ta' tħejjija — Gżejjer Ewropej għal politika komuni ta l-enerġija***	1.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 06 04 13 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
06 04 14	***Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku***							
06 04 14 01	Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku — Netwerks tal-enerġija		p.m. [1]	p.m. [2]			p.m. [1]	p.m. [2]
06 04 14 02	Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku — Qbid u Ħżin tad-Diossidu tal-Karbonju (CCS)		p.m. [3]	p.m.			p.m. [3]	p.m.
06 04 14 03	Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku — Is-sistema Ewropea taż-żona tar-riħ lil hinn mill-kosta		p.m. [4]	p.m.			p.m. [4]	p.m.
	Artikolu 06 04 14 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Kapitolu 06 04 — Total		**95 681 400**	**110 022 165**		**– 38 000 000**	**95 681 400**	**72 022 165**

[1] Approprjazzjoni ta' EUR 1 188 400 000 hija mdaħħla fil-Partita 40 02 41 01.
[2] Approprjazzjoni ta' EUR 75 000 000 hija mdaħħla fil-Partita 40 02 41 01.
[3] Approprjazzjoni ta' EUR 526 400 000 hija mdaħħla fil-Partita 40 02 41 01.
[4] Approprjazzjoni ta' EUR 284 000 000 hija mdaħħla fil-Partita 40 02 41 01.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 06 04 — ENERĠIJI KONVENZJONALI U RINNOVABBLI *(ikompli)*

06 04 06 Programm Kwadru dwar il- Kompetittivita u l-Innovazzjoni — Programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa"

Approprjazzjonijiet 2009		Baġit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
88 741 400	72 502 165		– 38 000 000	88 741 400	34 502 165

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja azzjonijiet jew miżuri dwar:

— Promozzjoni u tixrid tal-proġetti

(a) studji strateġiċi abbażi tal-analiżi maqsuma u l-monitoraġġ regolari tal-iżviluppi tas-suq u x-xejriet tal-enerġija għat-tħejjija ta' miżuri leġiżlattivi tal-ġejjieni jew għar-reviżjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti, inkluż, fir-rigward tal-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija, għall-implimentazzjoni tal-istrateġija fuq perjodu ta' żmien medju u twil fil-qasam tal-enerġija għall-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli, kif ukoll għat-tħejjija tal-impenji volontarji fuq perjodu ta' żmien twil mal-industrija u partijiet interessati oħra u għall-iżvilupp ta' standards, sistemi ta' tikkettjar u ta' ħruġ ta' ċertifikati, fejn xieraq ukoll f'koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali;

(b) il-ħolqien, it-tkabbir jew ir-rijorganizzazzjoni tal-istrutturi u l-istrumeti għall-iżvilupp ta' enerġija sostenibbli, inkluż ġestjoni lokali u reġjonali tal-enerġija, u l-iżvilupp ta' prodotti finanzjarji u strumenti tas-suq adegwati.; il-bini fuq l-esperjenza minn netwerks tal-imgħoddi u tal-preżent;

(c) il-promozzjoni ta' sistemi u tagħmir tal-enerġija sostenibbli sabiex titħaffef iktar il-penetrazzjoni tagħhom fis-suq u jkun stimulat l-investiment biex tkun iffaċilitata t-tranżizzjoni mill-wiri għall-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġiji iktar effiċjenti, kampanji ta' tqajjim ta' kuxjenza u l-ħolqien ta' kapaċitajiet istituzzjonali;

(d) l-iżvilupp ta' strutturi tal-informazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-użu ta' riżultati, il-promozzjoni u t-tixrid tal-kapaċita u l-aħjar prattiċi li jinvolvu lill-konsumaturi kollha, it-tixrid tar-riżultati tal-azzjonijiet u l-proġetti u l-koperazzjoni mal-Istati Membri permezz ta' networks operattivi;

(e) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-impatt tal-miżuri leġiżlattivi Komunitarji u dawk ta' appoġġ

— Proġetti ta' riproduzzjoni tas-suq

appoġġ għall-proġetti kkonċernati mar-riproduzzjoni tas-suq ta' teknoloġiji innovattivi, proċessi, prodotti jew prattiċi ta' rilevanza Komunitarja, li diġa ġew murija teknikament b'suċċess. Dawn se jkunu mfassla biex jippromwovu użu usa' fi ħdan il-pajjiżi parteċipanti u biex jiffaċilitaw l-adozzjoni tagħhom fis-suq

Se tingħata prijorità lil proġetti marbuta mal-effiċjenza tal-enerġija u l-iffrankar tal-enerġija.

Għall-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu għandhom jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA magħmula skont l-Artikolu 6 3 0 tal-prospett ta' dħul, li jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness V ta' din il-parti tal-prospett tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni f'programmi tal-Komunità, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi li jidħol fil-partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li jkunu jridu jiddaħħlu f'din il-Partita, skont ir-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 06 06 — RIĊERKA MARBUTA MA' L-ENERĠIJA U T-TRASPORT

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2009		Baġit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
06 06	RIĊERKA MARBUTA MA' L-ENERĠIJA U T-TRASPORT							
06 06 01	***Ir-riċerka marbuta ma' l-enerġija***							
06 06 01 01	Ir-riċerka marbuta ma' l-enerġija	1.1	128 685 000	102 760 413			128 685 000	102 760 413
06 06 01 02	Riċerka relatata ma' l-enerġija — Impriża Konġunta Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu (FCH)	1.1	20 160 000	19 200 000		– 19 660 800	20 160 000	– 460 800 [1]
	Artikolu 06 06 01 — Sub-total		148 845 000	121 960 413		– 19 660 800	148 845 000	102 299 613
06 06 02	***Ir-riċerka marbuta mat-trasport (li tinkludi l-Aeronawtika)***							
06 06 02 01	Ir-riċerka marbuta mat-trasport (li tinkludi l-Aeronawtika)	1.1	61 550 000	74 100 000		– 15 000 000	61 550 000	59 100 000
06 06 02 02	Riċerka relatata mat-trasport (inkluża l-Ajrunawtika) — Impriża Konġunta Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu (FCH)	1.1	2 900 000	2 900 000			2 900 000	2 900 000
06 06 02 03	L-Impriża Konġunta SESAR	1.1	51 500 000	23 000 000		– 10 000 000	51 500 000	13 000 000
	Artikolu 06 06 02 — Sub-total		115 950 000	100 000 000		– 25 000 000	115 950 000	75 000 000
06 06 04	***Approprjazzjonijiet li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea)***	1.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 06 06 04 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
06 06 05	***Tlestija ta' programmi preċedenti***							
06 06 05 01	Tlestija ta' programmi (qabel l-2003)	1.1	—	5 500 000			—	5 500 000
06 06 05 02	Tlestija tas-sitt programm kwadru tal-KE (2003 sa l-2006)	1.1	—	94 000 000		– 35 000 000	—	59 000 000
	Artikolu 06 06 05 — Sub-total		—	99 500 000		– 35 000 000	—	64 500 000
	Kapitolu 06 06 — Total		**264 795 000**	**321 460 413**		**– 79 660 800**	**264 795 000**	**241 799 613**

Kummenti

Dawn ir-rimarki huma applikabbli għall-intestaturi kollha tal-baġit f'dan il-kapitolu.

Dawn l-approprjazzjonijiet se jintużaw għas-seba' Programm Kwadru tal-Komunita Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, li jkopri l-perjodu 2007-2013.

Se jitwettaq sabiex isegwi l-għanijiet ġenerali deskritti fl-art. 163 tat-Trattat, sabiex jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' soċjeta msejsa fuq l-għarfien, ibbażat fuq iż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri jappoġġa l-kooperazzjoni transnazzjonali fuq kull livell ta' l-UE kollha, iżid id-dinamiżmu, il-kreattivita u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-limiti ta' l-għarfien, isaħħaħ ir-riżorsi umani tar-riċerka u tat-teknoloġija fl-Ewropa fuq il-livelli kwantitattivi u kwalitattivi u l-kapaċitajiet tar-riċerka u ta' l-innovazzjoni fl-Ewropa kollha u jassigura li jsir l-aqwa użu minnu.

[1] Sar trasferiment ta' EUR 460 800 sabiex jitħassar l-ammont negattiv mhux korrett.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 06 06 — RIĊERKA MARBUTA MA' L-ENERĠIJA U T-TRASPORT *(ikompli)*

Taħt dawn l-artikoli u partiti jaqgħu wkoll l-ispejjeż ta' laqgħat ta' livell għoli xjentifiċi u teknoloġiċi, konferenzi, *workshops* u *seminars* ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjament ta' analiżi ta' livell għoli xjentifiċi u teknoloġiċi u valutazzjonijiet magħmulin f'isem il-Komunita għall-investigazzjoni ta' oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall azzjoni tal-Komunita, fost oħrajn, fil-kuntest ta-ż-Żona Ewropea tar-Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inkluż miżuri skond programmi kwadru ta' qabel.

Dawn l-approprjazzjonijiet jkopru wkoll nefqa amministrattiva, inkluża nefqa għal staff, informazzjoni, pubblikazzjonijiet, operazzjoni amministrattiva u teknika, u ċerti oġġetti oħra ta' nefqa rigward l-infrastruttura interna marbuta ma' l-ilħuq ta' l-oġġettiv tal-miżuri li jifformaw parti integrali minnha, inkluż l-azzjoni u l-miżuri meħtieġa għall-preparazzjoni u l-kontroll ta' l-istrateġija RTD tal-Komunita.

Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija possibbli fil-każ ta' xi whud minn dawn il-proġetti. Kull kontribut finanzjarju jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal biex jinħolqu approprjazzjonijiet addizzjonali skond l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju.

Dħul mill-Istati li jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika se jiddaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal biex approprjazzjonijiet addizzjonali jsiru disponibbli skond l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju

Kull dħul mill-kontributi tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni f'programmi tal-Komunità, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skond l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe kontribut finanzjarju minn entitajiet minn barra l-Komunità se jiddaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal biex approprjazzjonijiet addizzjonali jsiru disponibbli skond l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju.

L-approprjazzjonijiet addizzjonali jsiru disponibbli skond l-Artikolu 06 06 04.

06 06 01 Ir-riċerka marbuta ma' l-enerġija

06 06 01 02 Riċerka relatata ma' l-enerġija — Impriża Konġunta Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu (FCH)

Approprjazzjonijiet 2009		Baġit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
20 160 000	19 200 000		– 19 660 800	20 160 000	– 460 800 [1]

[1] Sar trasferiment ta' EUR 460 800 sabiex jithassar l-ammont negattiv mhux korrett.

Kummenti

Partita ġdida

L-Impriża Konġunta Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) tal-Komunità Ewropea u b'mod partikolari għat-temi tal-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" ta' "Enerġija", "Nanoxjenzi, Nanoteknoloġiji, Materjali u Teknoloġiji Ġodda ta' Produzzjoni, Ambjent (inkluż it-Tibdil fil-Klima), u 'Trasport' (inkluż l-Ajrunawtika)". Għandha partikolarment: timmira biex tqiegħed l-Ewropa fuq quddiemnett madwar id-dinja kollha fit-teknoloġi taċ-ċelloli tal-fjuwil u ta' l-idroġenu u tiffaċilita skoperti fit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u ta' l-idroġenu, b'hekk tippermetti li l-forzi tas-suq kummerċjali jixprunaw benefiċċji potenzjali sostanzjali għall-pubbliku. tappoġġa riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (RTD) fl-Istati Membri u pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru (minn issa 'l quddiem imsejħa "Pajjiżi Assoċjati") f'mod koordinat sabiex jinghelbu n-nuqqasijiet tas-suq u tiffoka fuq l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet fis-suq u b'hekk tiffaċilita sforzi industrijali addizzjonali għall-iskjerament malajr ta' teknoloġiji ta' ċelloli tal-fjuwil u ta' idroġenu. tappoġġa l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet RTD tal-JTI dwar Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu, notevolment billi tagħmel għotjiet wara sejħiet kompetittivi għal proposti; timmira biex theġġeġ aktar investiment pubbliku u privat fit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u ta' l-idrogenu fl-Istati Membri u pajjiżi Assoċjati.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 06 06 — RIĊERKA MARBUTA MA' L-ENERĠIJA U T-TRASPORT *(ikompli)*

06 06 01 *(ikompli)*

06 06 01 02 *(ikompli)*

Ma' l-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan il-partita għandhom jingħaddu l-kontributi ta' l-Istati ta' l-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontributi ta' l-Istati EFTA magħmula skond l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skond l-Artikolu18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skond l-Anness V ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Bażi legali

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u ta' l-Idroġenu (ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1).

06 06 02 ***Ir-riċerka marbuta mat-trasport (li tinkludi l-Aeronawtika)***

06 06 02 01 Ir-riċerka marbuta mat-trasport (li tinkludi l-Aeronawtika)

Approprjazzjonijiet 2009		Baġit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
61 550 000	74 100 000		– 15 000 000	61 550 000	59 100 000

Kummenti

Li qabel kien Artikolu 06 06 02

Dawn il-miżuri ta' riċerka għandhom l-għan li jikkontribwixxu għal-*modal shift* favur it-trasport bil-ferrovija, dak kollettiv/pubbliku, il-mobbilta mhux motorizzata (iċ-ċikliżmu/mixi) u n-navigazzjoni fil-kanali kif ukoll is-sikurezza fit-trasport. Għandhom ikunu bbażati fuq strateġija li tinvolvi l-interoperabbilta, l-intermodalita, is-sikuezza u l-integrazzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli fir-riċerka dwar it-trasport (L-Artikolu 6 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunita Ewropea).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjoni immirata għal:

— l-iżvilupp ta' mezzi ta' trasport u sistemi ta' trasport għal kull tip ta' wiċċ (bil-ferrovija, mit-toroq u l-kanali ta' l-ilma interni) li jkunu bla ħsara għall-ambjent u kompetittivi (anke fil-kuntest tal-mobbilta urbana),

— l-iffukar fuq ir-riċerka fl-oqsma tal-prevenzjoni tat-traffiku, il-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima li hi relatata mat-trasport, metodi għal-kalkolu aktar preċiż ta' l-ispejjeż esterni tat-trasport u l-aċċess għal mezzi ta' trasport u infrastruttura għal persuni b'mobilita mnaqqsa,

— it-twettiq tal-komponent teknoloġiku tal-Politika ta' Sema Wieħed Ewropew (SESAR),

— ribilanċjament u integrazzjoni ta' modi differenti ta' trasport,

— ikunu aktar siguri, effiċjenti u kompettitivi l-ferroviji, it-toroq u t-trasport marittimu,

— l-appoġġ tal-politika Ewropea dwar it-trasport,

— l-iżvilupp tas-Sistema Ewropea tan-Navigazzjoni bis-Satellita (Galileo) fir-rigward tal-ġenerazzjoni teknoloġika li jmiss.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 06 06 — RIĊERKA MARBUTA MA' L-ENERĠIJA U T-TRASPORT *(ikompli)*

06 06 02 *(ikompli)*

06 06 02 01 *(ikompli)*

Għall-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu għandhom jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati EFTA magħmula skond l-Artikolu 6 3 0 tal-prospett ta' dħul, li jikkostitwixxi dħul assenjat skond l-Artikolu18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skond l-Anness V ta' din il-parti tal-prospett tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Bażi legali

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunita Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistipula r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerki u universitajiet f'azzjonijiet skond is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunita Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u għat-tixrid ta' riżultati tar-riċerka (2007 sa l-2011) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunita Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2013 sa' l-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

06 06 02 03 L-Impriża Konġunta SESAR

Approprjazzjonijiet 2009		Baġit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
51 500 000	23 000 000		– 10 000 000	51 500 000	13 000 000

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri azzjoni mmirata għall-implimentazzjoni tal-komponent teknoloġiku għall-politika dwar l-ajru uniku Ewropew (SESAR).

Għall-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu għandhom jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati EFTA magħmula skond l-Artikolu 6 3 0 tal-prospett ta' dħul, li jikkostitwixxi dħul assenjat skond l-Artikolu18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skond l-Anness V ta' din il-parti tal-prospett tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Bażi legali

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunita Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistipula r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerki u universitajiet f'azzjonijiet skond is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunita Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u għat-tixrid ta' riżultati tar-riċerka (2007 sa l-2011) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sa' l-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1).

KUMMISSJONI

KAPITOLU 06 06 — RIĊERKA MARBUTA MA' L-ENERĠIJA U T-TRASPORT *(ikompli)*

06 06 05 Tlestija ta' programmi preċedenti

06 06 05 02 Tlestija tas-sitt programm kwadru tal-KE (2003 sa l-2006)

Approprjazzjonijiet 2009		Baġit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
—	94 000 000		– 35 000 000	—	59 000 000

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri impenji ta' qabel.

Għal approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan il-paragrafu għandhom jiżdiedu kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni ta' dħul, li jikkostitwixxi dħul assenjat skond l-Artikolu18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skond l-Anness V ta' din il-parti tal-prospett tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali

Bażi legali

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp tekonoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (mill-2002 sa l-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/834/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta program speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni: "L-Integrazzjoni u t-tisħiħ tal-Qasam Ewropew tar-Riċerka" (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 07

L-AMBJENT

Għanijiet ġenerali

Il-politika ambjentali tal-Unjoni Ewropea taħdem għal dawn l-għanijiet:

— sabiex tiżgura livell għoli ta' ħarsien ambjentali, billi tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet fir-reġjuni varji tal-Komunità,

— sabiex tagħti sehemha għal kwalità ta' ħajja u benesseri soċjali taċ-ċittadini li jkunu ta' livell għoli, billi timmira li tikseb ambjent li fih il-livell ta' tniġġis ma jwassalx għal effetti li jkunu ta' ħsara kemm għas-saħħa tal-bniedem kif ukoll għall-ambjent, u billi tħeġġeġ il-kisba tal-iżvilupp sostenibbli,

— sabiex issaħħaħ il-miżuri fuq livell internazzjonali biex jieħdu ħsieb il-problemi ambjentali reġjonali, internazzjonali jew globali. sabiex tikkoopera ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti ħalli jintlaħqu l-għanijiet ambjentali miftehma, sabiex issaħħaħ it-tmexxija internazzjonali fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli,

— sabiex tħeġġeġ u tappoġġa l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali u l-integrazzjoni tar-rekwiżiti fil-qasam tal-ħarsien ambjentali fil-politiki u l-attivitajiet l-oħrajn kollha tal-Komunità Ewropea, bil-għan li jitħeġġeġ l-iżvilupp sostenibbli.

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2009		Baġit ta' emenda Nru 9		Ammont ġdid	
		Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
